**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 5 ta' Ottubru, 2016**

Numru 12

**Rikors Guramentat Nru. 229/2012**

**C & M Contractors Ltd u**
**Alfaran Trailers Maintenance and Logistics Services Limited**
**ghal kull interess li jista' jkollha**

**vs**

**Attard Elasrag Co. Limited**
**illum Villa Robinich Company Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjetajiet attrici tat-2 ta' Marzu, 2012 li jghid hekk:

Illi fit-3 ta' Marzu tas-sena 2007 is-socjeta rikorrenti C & M Contractors Limited u dik konvenuta Attard Elasrag Co. Ltd, rapprezentata minn Hassan Yousef Elasrag u RoseMarie Attard kienu dahlu fi skrittura privata ossia konvenju fejn is-socjeta l-ahhar imsemmija kienet accettat li tbiegh, tassenja u titraferixxi l-fond ossia d-dar tal-anzjani, maghrufa bl-isem "Villa Robinich" bin-numru ufficjali sebgha (7) mibnija fuq plots immarkati bhala plots numri hamsa (5), sitta (6), sebgha (7), tmienja (8), wiehed (1), tnejn (2), disgha (9) u tlettax (13), mill-art maghrufa bhala "tal-Patri" sive "taz-Zwieten" gewwa l-Fgura, fi Triq il-Kuluvert kantuniera ma' Triq il-Vennewwa u s-socjeta rikorrenti obbligat ruha li tixtri u takkwista l-imsemmi fond versu l-prezz ta' hames mitt elf liri Maltin (Lm500,000) ossia l-ammont ekwivalenti ghall-miljun, mija u erbgha u sittin elf, sitt mija u sebgha u tmenin euro (1,164,687 ewros) u dan hekk kif jidher minn Dok. A hawn annessa;

Illi fuq l-imsemmi konvenju s-socjeta rikorrenti C & M Contractors Ltd kienet halset, bhala depozitu, lis-socjeta konvenuta Attard Elasrag Co. Ltd, is-somma ta' mitt elf lira

Maltin (Lm100,000) ekwivalenti ghall-mitejn, tnejn u tletin elf, disa' mija u sebgha u tletin ewro (232,937 ewros) u dan hekk kif jidher mill-istess Dok. A;

Illi permezz ta' skrittura privata ohra datata 29 ta' Settembru tas-sena 2007 is-socjeta attrici C & M Contractors Ltd u dik konvenuta Attard Elasrag Co. Ltd, kienu qablu lli sa dik il-gurnata s-socjeta attrici kienet halset bhala depozitu, l-ammont totali ta' mija, tnejn u tmenin elf u mitejn liri Maltin (Lm182,300), ekwivalenti ghall-erba' mija, erbgha u ghoxrin elf, sitt mija u hamsa u erbghin ewro (424,645 ewros), u dan hekk kif jidher minn Dok. B hawn annessa, minn liema ammont kien hemm cheque fl-ammont ta' hamsin elf liri Maltin, liema cheque baqa' qatt ma ssarraf u dan hekk kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

Illi s-socjeta rikorrenti l-ohra, ossia Alfaran Trailers Maintenance and Logistics Limited kienet provdiet il-fondi sabiex is-socjeta rikorrenti C & M Contractors Ltd kienet setghet thallas lis-socjeta konvenuta Attard Elasrag Co. Ltd u dan hekk kif ser jigi ahjar pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

Illi skond ma jidher minn Dok. A, il-konvenju kellu validita sa terminu ta' sentejn u ghalhekk il-kuntratt finali kellu jsir entro d-data tat-3 ta Marzu tas-sena 2009;

Illi l-kuntratt finali baqa' qatt ma sar u l-konvenju skada minghajr mal-ebda parti fih ma hadet il-passi neccessarji skond il-ligi, u cioe skond artikolu 1357 ta' Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, biex tali konvenju ma jiskadix jew biex jigi enforzat kontra l-parti l-ohra u bhala konsegwenza tal-fatt Ii l-konvenju skada, is-socjeta rikorrenti C & M Contractors Ltd hija intitolata li titlob minghand is-socjeta konvenuta Attard Elasrag Co. Ltd ir-rifuzjoni tal-halsijiet li l-istess socjeta halset bhala depozitu fl-ammont ta' mija, tnejn u tletin elf u tlett mitt liri Maltin ekwivalenti ghall-tlett mija u tmient elef u mija u sitta u sebghin ewro (308,176 ewros);

Illi minkejja li s-socjeta konvenuta giet interpellata sabiex teffettwa tali rifuzjoni, din ingustament irrifjutat milli taghmel hekk u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Tghid ghalhekk is-socjeta konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti ma ghandiex, previa kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja:-

1. Tiddikjara li l-konvenju datat 3 ta' Marzu 2007 (Dok. A) fejn is-socjeta konvenuta Attard Elasrag Co. Ltd accettat li tbiegh, tassenja u titrasferixxi l-fond ossia d-dar tal-anzjani, maghrufa bl-isem "Villa Robinich" bin-numru ufficjali sebgha (7) mibnija fuq plots immarkati bhala plots numri hamsa (5), sitta (6), sebgha (7), tmienja (8), wiehed (1), tnejn (2), disa (9) u tlettax (13), mill-art maghrufa bhala "tal-Patri" sive "taz-Zwieten" gewwa l-Fgura, fi Triq il-Kuluvert kantuniera ma' Triq il-Vennewwa u s-socjeta rikorrenti C & M Contractors Ltd obbligat ruhha li tixtri u takkwista l-imsemmi fond versu l-prezz ta' hames mitt elf liri Maltin illum skada u tilef kull effett legali;

2. Sussidjarjament tiddikjara li konsegwenza ghal-iskadenza tat-terminu utili tal-konvenju datat 3 ta' Marzu 2007 (Dok. A) is-socjeta konvenuta hija obbligata li tirrifondi lis-socjetajiet rikorrenti s-somma ta' tlett mija u tmient elef, mija u sitta u sebghin ewro (308,176 ewros) imhallsa lis-socjeta konvenuta Attard Elasrag Co. Ltd, bhala depozitu skond Dok. A u Dok. B, u liema depozitu gie mhallas mis-socjeta rikorrenti C & M Contractors Ltd;

3. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjetajiet rikorrenti l-imsemmija somma ta' tlett mija u tmient elef mija u sitta u sebghin ewro (308,176 ewros).

Bl-ispejjez kollha u bl-oghla rata legali tal-imghax sad-data tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta konvenuta minn issa hija ingunta ghas-subbizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

1. Illi prelimarjament in-nullita tac-citazzjoni odjerna u dana stante Ii giet intavolata kawza minn aktar minn attur wiehed izda ma huwiex sodisfatt il-vot tal-ligi sabiex tigi prmossa dina I-azzjoni kollettiva kif jistipulaw I-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju jigi eccepit illi I-kumpannija attrici Alfaran Trailers Maintenance and Logistics Services Limited (C31341) ma ghandhiex l-interess guridiku necessarju sabiex tirradika d-dritt Ii tistwitwixxi I-proceduri gudizzjarji odjerni kontra l-kumpannija eccipjenti, liema interess irid ikun dirett, legittimu u kif ukoll attwali u jrid johrog minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva Ii xxejjen jew tipprova ggib fix-xejn dritt Ii jappartjeni lid-detentur jew Ii lilu jkun misthoqq. FI-assenza ta' dan r-rekwizit ma jistax jinghad Ii I-kumpannija Alfaran Trailers Maintenance and Logistics Services Limited (C31341) ghandha I-interess Ii tistitwixxi din l-azzjoni u bhala konsegwenza I-kumpannija eccipjenti ghandha tigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju jigi eccepit illi ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn il-kumpannija eccipjenti u I-kumpannija Alfaran Trailers Maintenance and Logistics Services Limited (C31341) u konsegwentement iI-kumpannija eccipjenti ghandha tigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju jigi eccepit illi I-kumpannija intimata ma irceviet ebda flus minghand C&M Contractors Limited (C30803) u dana stante Ii tali fondi qatt ma gew effettivament konsenjati lill-kumpannija intimata u jekk tali fondi gew effettivament imhallsa I-pretensjonijiet tal-kumpanniji rikorrenti ghandhom jigu diretti kontra d-direttur passat tal-kumpannija intimata Ii fizikament iffirma kemm il-konvenju u kif ukoll ir-ricevuta annessi mar-rikors guramentat promotur u Ii jekk ircieva dawn il-fondi gew minnhu mizmuma indebitament;

5. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju jigi eccepit illi ma huwa dovut xejn lill-kumpanniji rikorrenti u wisq anqas lill-kumpannija Alfaran Trailers Maintenance and Logistics Services Limited (C31341) u dana stante Ii I-ammont pretiz mill-kumpanniji rikorrenti gie imhallas lill-kumpannija intimata fil-forma ta' kappara mill-kumpannija C&M Contractors Limited (C30803) u liema kapparra intilfet ghal favur tal-kumpannija intimata stante Ii C&M Contractors Limited (C30803) naqset milli tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att finali relattiv minghajr raguni valida fil-ligi;

6. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi:

Rat ir-risposta ulterjuri tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

1. Illi l-kumpanija C & M Contractors Limited ma ghandhiex l-interess guridiku rikjest fil-prosegwiment ta’ dina l-kawza, liema interess irid ikun jezisti kemm fil-bidu tal-kawza u jipperdura tul is-smigh tal-kawza;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat l-atti u noti ta’ sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawza titratta weghda ta' bejgh maghmula fit-3 ta' Marzu 2007, bejn I-attrici C & M Contractors Limited, hekk kif rapprezentata minn Carmel Mangion bhala l-kumpratrici prospettiva u dik konvenuta, Attard Elasrag Co. Limited, il-venditrici, hekk l-kif rapprezentata dak iz-zmien minn Ibrahim Hassan, Yousef Elasrag, Ii a bazi tal-imsemmi konvenju ntrabtet Ii tbiegh I-fond, (Ii kien qieghed jintuza bhala dar tal-anzjani), bl-isem "Villa Robinich", fi Triq iI-Kuluvert, kantuniera ma' Triq il-Venewwa, gewwa I-Fgura, ghall-prezz ta' Lm500,000. Dan il-konvenju sar soggett ghall-kondizzjoni Ii l-proprjeta tkun tista' titwaqqa' u minflok isir blokk ta' appartamenti, bil-garaxxijiet sottostanti. Fuq iI-konvenju thallas pagament ta' Lm100,000 akkont tal-prezz, sakemm isiru r-ricerki, filwaqt Ii Lm50,000 kellhom jithallsu sal-ahhar ta' Gunju, 2007. Din is-somma giet deskritta bhala mhux refondibbli f’kaz Ii l-kumpratur ma jersaqx ghall-kuntratt ghal raguni Ii mhix valida fil-ligi. Fost il-kundizzjonijiet kien hemm miftiehem Ii I-konvenju kien suggett ghal bank loan, garanzija tal-pacifiku pussess, u Ii l-fond mhux milqut b'xi ordni ta' esproprju u Ii kien ser jigi trasferit bil-pussess vakanti garantit. Il-konvenju seta' jigi trasferit Iil terzi fis-shih, u kellu terminu ta' validita ta' sentejn.

Mill-provi rrizulta Ii s-socjeta attrici C & M Contractors Limited (minn hawn 'il quddiem imsejjha C & M), Ii kienet tinnegozja fil-proprjeta, ma kellhix il-finanzi mehtiega ghal dan il-progett u ghalhekk id-direttur taghha Charles Mangion, kellem lill-ahwa Abela, dirigenti tas-socjeta attrici l-ohra, Alfaran Trailers Maintenance and Logistics

Services Limited, (minn hawn 'il quddiem imsejjha Alfaran), kif debitament rapprezentata minn Carmel Abela, biex jidhlu ghal dan in-negozju bi shab flimkien. Jidher li n-negozjati hadu ftit zmien mhux hazin qabel ma sar il-konvenju ghand in-Nutar Bartolomew Micallef. Is-socjetajiet attrici kellhom il-hsieb li jiffurmaw socjeta ohra bejniethom ghall-iskop ta' dan in-negozju u ghalhekk talbu li ssir il-klawzola li l-konvenju jista' jigi trasferit lil terzi. Jirrizulta wkoll li ghalkemm il-flus konsistenti f'Lm100,000 (ekwivalenti ghal €232,937.34) li hargu fuq il-konvenju gew avvanzati minn Alfaran, deher biss rapprezentant ta' C & M fuq il-konvenju. Min-naha tal-atturi tressqet ukoll il-prova li fuq medda ta' sentejn saru diversi pagamenti ohra lid-dirigenti tas-soejeta konvenuta (skond kif jirrizulta mill-kopji tal-istess, esebiti a fol. 152 sa fol.157 tal-process).

Is-socjeta konvenuta li kienet topera dar tal-anzjani fuq il-fond in vendita, talbet li n-negozju bejn il-partijiet jibqa' wiehed sieket peress li kienu joperaw dar tal-anzjani fl-istess fond u ma ridux li jitilfu l-klijenti min-negozju taghhom sakemm isir il-bejgh. Fil-fatt skond l-atturi n-negozju beda jisfratta meta marru l-periti nkarigati mill-atturi fuq il-post sabiex jippreparaw il-pjanti u d-dokumenti mehtiega, peress li l-kelma dwar il-prospett tal-bejgh bdiet tigri, li affetwat in-negozju tas-socjeta konvenuta. Skond l-atturi kien hawn li d-dirigenti tas-socjeta konvenuta talbuhom li jithassar il-konvenju, li l-atturi jishqu li accettaw, bil-kundizzjoni li jintraddu lura l-flus li lahqu hargu.

Is-socjetajiet attrici jghidu li baqghu jigru wara flushom, izda minkejja diversi weghdiet da parti tar-rapprezentanti tal-konvenuta, huma baqghu ma thalsux. Permezz ta' skrittura datata 3 ta' Novembru 2011, C & M iddikjarat lilha nnifisha bhala debitrici ta' Alfaran ghas-somma totali ta' €424,644, u awtorizzat lii Alfaran tiehu dawk il-passi kollha mehtiega ghall-gbir tal-flus minghand is-socjeta Attard Elasrag Company Limited, peress li t-terminu tal-konvenju kien lahaq skada (Dok. A a fol. 39 tal-process). L-istess Alfaran harget ittra ufficjali datata 5 ta' Dicembru, 2011, fil-konfront tas-socjeta konvenuta, li tirrizulta debitament notifikata, fejn hija giet infurmata bl-imsemmija skrittura tat-3 ta' Novembru, 2011, ai fini tal-artikolu 1471 tal-Kodici Civili. Ftit xhur wara, fit-2 ta' Marzu, 2012, saret il-kawza odjerna miz-zewg socjetajiet attrici fil-konfront tas-socjeta konvenuta. Filwaqt li erbat ijiem wara u cioe fis-6 ta' Marzu, 2012, saret skrittura privata ohra, fejn din id-darba gew assenjati da

parti ta' C & M id-drittijiet kollha favur Alfaran, inkluz id-dritt litigjuz taghha fil-kawza odjerna (esebit bhala Dok. X a fol. 20 et seq. tal-process).

Gie kkonfermat ukoll li l-konvenuta b'kollox irceviet it-total ta' Lm132,300, ekwivalenti ghal €308,176 (ara f'dan is-sens ix-xhieda ta' Ibrahim Hassan Mousef Eisarag a fol. 182 tal-process). Madankollu, filwaqt li da parti tal-atturi jinghad li l-konvenju thassar peress li nqala' dizgwid bejn l-azzjonisti tas-socjeta konvenuta dwar il-bejgh, u ghalhekk talbuhom zmien biex iroddu l-flus lura, min-naha tal-konvenuta jinghad li l-kuntratt finali ma sarx peress li minkejja diversi weghdiet da parti tal-attrici C & M, baqghet ma wasletx finanzjarjament ghal dak miftiehem. Rilevanti f'dan il-kuntest hija x-xhieda tan-nutar Micallef li da parti tieghu jixhed illi l-pagamenti mill-attrici C & M ma baqghux isiru b'mod regolari, u li lanqas saret applikazzjoni ghall-permessi, izda li dan il-konvenju gie mgedded kemm il-darba zgur.

Mix-xhieda prodotta mill-atturi, ma rrizultax li l-atturi ghamlu xi applikazzjoni ta' zvilupp mal-Awtorita tal-Ambjent u l-Ippjanar u rrizulta ukoll li mix-xhieda tar-rapprezentant tal-HSBC li effettivament C & M qatt ma nhargitlu sanction letter mill-Bank fir-rigward tax-xiri tal-proprjeta "Villa Robinich", Triq il-Kuluvert, Fgura, filwaqt li rapprezentant tal-APS Bank xehed li lanqas biss qatt saret talba ghal din il-facilita!

Xehdu in rapprezentanza tas-socjeta konvenuta kemm id-direttur attwali Ina Cini Robinich, kif ukoll id-direttur precedenti Ibrahim Hassan Mousef Elasrag. Ghalkemm Ibrahim kien l-aktar involut fin-negozjati li wasslu ghall-konvenju in ezami, jirrizulta li Ina Robinich kienet prezenti wkoll waqt li gie ffirmat il-konvenju. It-tnejn jixhdu li ghalkemm il-konvenju kien imgedded ghal madwar tliet darbiet, l-attrici C & M ma kenitx f'posizzjoni li thallas il-prezz miftiehem. Din ix-xhieda hija kkonfermata wkoll minn Rose Marie Attard, li hija azzjonista fis-socjeta konvenuta. Hadd minn dawn it-tliet xhieda ma xehed jew ressaq xi prova fis-sens li l-konvenuta hadet xi passi biex izzomm il-konvenju fis-sehh.

Hadd mill-partijiet ma ezebixxa xi skrittura li tixhed l-imsemmija estensjoni tal-konvenju.

Rat ix-xhieda tar-rapprezentant tar-Registratur tal-Kumpaniji li xehdet dwar l-informazzjoni li ghandhom dwar ir-rapprezentanza tas-socjeta konvenuta.

In kontroezami, Carmel Abela in rapprezentanza tas-socjeta attrici Alfaran spjega li huwa kien debitament awtorizzat jirraprezenta lis-socjeta attrici u pprezenta rizoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-istess socjeta fdan is-sens. Huwa jishaq li ghamel din l-azzjoni peress li kienet Alfaran li harget il-flus fuq il-konvenju, u ghalkemm Alfaran ma dehritx fuq il-konvenju, huwa kien prezenti waqt l-iffirmar tal-istess konvenju, ghadda l-flus lir-rapprezentant tal-konvenuta, filwaqt li jinsisti wkoll li r-rapprezentant tal-konvenuta, Ibrahim kien ben konxju tal-interess tieghu fuq l-imsemmi konvenju.

In kontro-ezami Charles Mangion in rapprezentanza tal-attrici C & M jishaq li ghalkemm huwa applika ghal facilitajiet ta' self mal-Bank, il-Bank talbu pjanti tal-progett imhejjija minn Perit. Izda meta mar fuq il-post ma' Perit, sabiex jiehdu l-kejl u konsegwentement jithejjew il-pjanti, sid il-post ma haditx pjacir peress li kienu ser igerrxu lill-klijenti residenti fil-villa de quo. Ghalhekk ii-Bank qatt ma seta' japprova s-self mitlub minnu minghajr il-pjanti mitluba minnu. Dan ix-xhud min-naha tieghu jghid li kien hu li hareg ii-flus fuq il-konvenju, izda li huwa dahhal dawn ii-flus minghand ta' Alfaran. Huwa ma setghax jghid xi skritturi kien hemm bejn il-kontendenti wara l-konvenju li sar fit-3 ta' Marzu, 2007, izda jinsisti li r-rapprezentanti tal-konvenuta kienu accettaw li jirrifondu l-flus qabel ma skada l-konvenju. Mistoqsi dwar x'passi ha fil-konfront tas-socjeta konvenuta ladarba din baqghet ma halset xejn minn dak li kienet ftehmet li kellha trodd lura, huwa jikkonferma li bejn l-2009 u l-2012 ma ttiehdu ebda passi legali fil-konfront tas-socjeta konvenuta u lanqas kien jitlobhom il-hlas tal-flus lura! Ghalkemm Mangion baqa' jittama li jew isehh in-negozju jew jiehu l-flus lura, meta raw lir-rapprezentanti tal-konvenuta, minkejja weghdiet verbali baqghu ma walsux, u peress li sadanittant Alfaran ried ii-flus lura, ghalhekk saret il-kawza. Huwa jinsisti li ghandu interess fil-kawza, sabiex iwettaq il-ftehim li permezz tieghu jrodd lura l-flus li kien tah Alfaran.

**Eccezzjoni preliminari dwar in-nullita tal-azzjoni attrici**

Trattati l-provi saljenti rizultanti mill-atti, imiss il-konsiderazzjonijiet legali tal-kawza. Is-socjeta konvenuta tattakka l-azzjoni attrici permezz tal-ewwel eccezzjoni

preliminari li tissejjes fuq in-nullita tal-azzjoni attrici peress li jinghad li ma giex sodisfatt il-vot tal-ligi meta giet promossa l-azzjoni b'mod kollettiv.

Permezz ta' din l-eccezzjoni, l-konvenuta qeghda tattakka l-fatt li din l-azzjoni tressqet minn zewg socjetajiet separati bhala atturi. Ghalkemm is-socjeta konvenuta ma tispecifikax l-artikolu tal-ligi li fuqu qed tibbaza l-eccezzjoni taghha, huwa mifhum li hija qeghda tinvoka l-artikolu 161(3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dan l-artikolu jipprovdi li:

> zewg atturi jew aktar jistghu jibdew il-kawzi taghhom permezz ta' rikors guramentet jew rikors mhux guramentet wiehed skond il-kaz, jekk il-kawzi jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin minhabba fil-mertu taghhom jew jekk id-decizjoni li tinghata dwar wahda mill-kawzi tista' tolqot id-decizjoni dwar il-kawza jew il-kawzi l-ohra u jekk il-provi li jinqiebu f'wahda mill-kawzi jkunu, generalment, l-istess provi li ghandhom jingiebu fil-kawza jew fil-kawzi l-ohra. Ir-raguni ghaliex ikunu qeghdin isiru l-kawzi u l-mertu taghhom ghandhom jigu dikjarati b'mod car u specifiku minn kull attur;

Fir-rigward ta' dan il-provvediment tal-ligi, kif inghad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-20 ta' Gunju, 2012, fl-ismijiet **Joseph Micallef et vs Trusted limited et**:

> Illi minn kliem dan il-provvediment tal-ligi, jidher li huwa bizzejjed jekk tikkonkorri wahda minn zewg cirkostanzi: jew li l-kawzi jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin minhabba fil-mertu tghhom, jew jekk id-decizjoni li tinghata dwar wahda minnhom tista' tolqot id-decizjoni dwar il-kawza jew il-kawzi l-ohrajn li jitressqu maghhom. Madankollu, b'zieda ma' dawn ic-cirkostanzi alternattivi huwa mehtieg li l-provi li jingiebu fil-kawza wahda jkunu, fil-bicca l-kbira, l-istess provi li jehtieg jitressqu fil-kawza jew il-kawzi l-ohrajn li jitressqu maghha;
>
> Illi l-kliem tal-imsemmija dispozizzjoni tal-ligi huma tali li jwasslu ghan-nullita tal-azzjoni mibdija jekk kemm-il darba, fuq eccezzjoni mqanqla mill-parti mharrka, jirrizulta n-nuqqas ta' konkorrenza ta' dawn ir-rekwiziti;
>
> Illi ghall-finijiet tal-artikolu 161(3) msemmi lanqas hu mehtieg li l-atturi kollha jkollhom l-istess interess fil-kawza jekk kemm-il darba t-talbiet setghu jkunu l-istess u johorgu mill-istess cirkostanzi. Dan ghaliex gie mfisser li dak l-artikolu hu mahsub biex ihaffef din l-ghamla ta' azzjoni biex inaqqas l-ammont ta' kwestjonijiet fuq hwejjeg marbutin ma' xulxin;

Hekk ukoll, kif kellha okkazjoni tirrileva din l-istess Qorti kif preseduta, fis-sentenza taghha tal-14 ta' April, 2016, fl-ismijiet **Jonathan Ellul et vs Jesmond Mercieca et**:

> Hu minnu pero kif jissottomettu l-konvenuti illi ma hemmx dikjarazzjoni singolari ghal kull attur dwar l-oggett u r-raguni tal-kawza. Dan hu l-kwezit post bl-eccezzjoni tal-konvenuti, li skond huma twassal ghal irritwalita procedurali tal-azzjoni u l-liberazzjoni tal-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju.
>
> Din il-Qorti ttendi taghti interpretazzjoni pjuttost wiesa' tal-kliem oggett u raguni tal-kawza li kull attur jrid juri fil-kawza. Hu minnu illi l-procedura ghandha tigi segwita pero hemm differenza bejn nuqqas assoluta ta' ottemperanza mal-proceduri u li bl-ebda mod ma wiehed jista' jasal ghal individwazzjoni tar-raguni saljenti u l-oggett li jwassal ghal pretensjoni mitluba minn kull attur fejn ma jkollux triq ohra l-gudikant hlief li jiddikjara l-att bhala null proceduralment, u nuqqas formalistiku li minn qari akkurat tal-premessi li jwassal ghat-talbiet, il-Qorti tkun sodisfatta li jista' jigi dezunt ir-raguni u l-oggett tal-kawza ta' kull attur.

Il-Qorti tqis li f'din il-kawza jirrizulta li z-zewg socjetajiet attrici ghandhom il-pretensjonijiet taghhom naxxenti mid-depozitu ta' flus li sar fuq il-konvenju tat-3 ta' Marzu, 2007, favur is-socjeta konvenuta, peress li ghalkemm hemm qbil li C & M dehret biss bhala firmatarja fuq il-konvenju bhala kumpratur, mhux kontestat li s-socjeta Alfaran harget il-flus ghal dan in-negozju, li allura zgur kellha interess li fin-nuqqas li jsehh in-negozju, jigi rifuz id-depozitu ta' flus. Sussegwentement Alfaran dahlet fiz-zarbun ta' C & M meta saret ic-cessjoni tal-kreditu u tad-dritt ta' azzjoni naxxenti mill-istess konvenju. Ghalkemm l-ewwel zewg cirkostanzi provduti fl-artikolu in ezami, huma alternattivi, xorta jista' jinghad illi peress li d-drittijiet vantati mressqa miz-zewg socjetajiet attrici johorgu mill-istess cirkostanzi, jista' jinghad li d-decizjoni li tinghata dwar wahda mill-kawzi, tista' tolqot id-decizjoni dwar il-kawza l-ohra. Fir-rigward tal-ahhar rekwizit taht l-artikolu in ezami, certament jista' jinghad ukoll li l-provi li tressqu mill-atturi tmexxew flimkien, peress li jidher li ghan-negozju verbali kienu partecipi t-tliet rapprezentanti tat-tliet socjetajiet kontendenti rispettivi, kif ukoll il-provi, id-dokumenti u x-xhieda li setghu jigu prodotti fiz-zewg kawzi japplikaw ukoll ghal xulxin.

Dak mitlub mis-socjetajiet attrici bl-ebda mod ma jista' jitqies li mhux car bizzejjed u ma jidentifikax l-oggett tal-kawza. Ghalkemm maghmula b'mod unitarju t-talbiet attrici ma jinneccessitaw ebda kjarifika u jinftiehem sew kif japplikaw ghal kull wiehed minnhom u s-socjeta konvenuta ma tqeghditx f'pozizzjoni li ma tistghax tiddefendi ruhha, tant li l-eccezzjonijiet taghha dahhlu fil-mertu ta' dak mitlub. Hi l-fehma tal-

Qorti illi dik hi r-raguni ghaliex safejn possibbli, l-oggett u r-raguni tat-talba ghandhom ikunu cari ghal kull attur biex il-konvenut ikun jista' jiddefendi ruhu kif imiss. Ma jfissirx pero illi necessarjament kull taiba trid tigi identifikata ma' attur partikolari jekk l-att hu car, tant hu hekk iIli s-societa konvenuta indirizzat il-mertu b'eccezzjonijiet separati ghal kull allegazzjoni maghmula.

Ghalhekk kunsidrat ir-rabta fil-mertu li trid il-ligi, meta tqis kollox il-Qorti ssib li l-ewwel eccezzjoni preliminari dwar in-nullita tal-azzjoni attrici ma jisthoqqilix li tintlaqa' u ghalhekk ser tigi michuda.

**Nuqqas ta' interess guridiku**

In kwantu t-tieni eccezzjoni u t-tielet eccezzjoni preliminari tas-socjeta konvenuta, fihom jinghad li l-kumpanija attrici ta' Alfaran ma ghandhiex l-interess guridiku mehtieg sabiex tirradika d-dritt li tistitwixxi l-proceduri gudizzjarji odjerni kontra taghha u illi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejnha u bejn is-socjeta attrici ta' Alfaran. Kif irrizulta qabel, s-socjetajiet attrici l-ewwel ghamlu skrittura datata 3 ta' Novembru, 2011, li permezz taghha C & M ikkostitwit lilha nnifisha bhala debitrici fil-konfront tas-socjeta attrici l-ohra Alfaran (fol. 51 tal-process). Fl-ahhar tal-istess dokument jinghad li C & M kienet qeghda taghti l-awtorizzazzjoni taghha lil Alfaran sabiex tirkupra l-flus minghand is-socjeta konvenuta li thallsu fuq il-konvenju in ezami. Ghandu jinghad il-kliem adoperat fl-istess skrittura mhuwiex daqshekk car, li qieghed jigi assenjat il-kreditu u d-dritt litigjuz. Rilevanti izda huwa l-fatt li l-attrici Alfaran innotifikat lill-konvenuta b'din l-iskrittura, permezz ta' ittra ufficjali u dan kif jitlob l-artikolu 1471 tal-Kodici Civili. Dan jixhed, kif jirrizulta wkoll mill-assjem tal-provi, li l-intenzjoni tal-komparenti fuq din l-iskrittura kienet li ssir cessjoni kemm tal-kreditu, kif ukoll tad-dritt ta' azzjoni. Izda wara li tqanqal certu dubju fir-rigward da parti tal-konvenuta, u peress li l-atturi kellhom interess li l-azzjoni intentata minnhom tirnexxi fil-konfront ta' terzi (f'dan il-kaz is-socjeta konvenuta), ftit jiem wara li tressqet il-kawza odjerna, sar kuntratt iehor fis-6 ta' Marzu, 2012, (fol. 52 tal-process) li huwa wiehed proprju ta' cessjoni ta' kreditu u cessjoni ta' dritt litigjuz u dan qabel ma gew intavolati l-eccezzjonijiet da parti tas-socjeta konvenuta.

F'dan l-istadju jkun opportun li ssir referenza ghad-duttrina ta' ius superveniens. Kif osservat din il-Qorti, diversament preseduta fis-27 ta' Jannar, 2016, fl-ismijiet **Charmaine Degiorgio vs Joseph Sare'**:

> "l-Qrati taghna, matul is-snin li ghaddew, kellhom okkazjoni jiddikjaraw illi t-teorija tal-jus superveniens giet dejjem applikata mill-Qrati taghna ghall-kazijiet meta, minghajr ma tbiddel id-domanda sew ghall-oggett jew ghall-kawza, ghalkemm l-attur ma kellux dak id-dritt li jkun qed jitlob fil-mument tac-citazzjoni, izda dak id-dritt minnu mitlub jigi jsehh fil-mori tal-gudizzju, allura l-gurisprudenza in bazi tad-duttrina wisq akkreditata, dejjem accettat li minflok issir kawza ohra, dak id-dritt li jkun mitlub fic-citazzjoni u li gie in ezistenza jew fl-ezercizzju tieghu waqt il-kawza, jista' jkun deciz f'dik l-istess kawza" (**Carmelo Farrugia vs Michael Camenzuli et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili (Citazzjoni numru 570/2009) deciza fit-28 ta' Frar 2011).
>
> Il-Qorti tal-Appell kienet irrilevat illi:
> "Huwa veru li bhala norma d-dritt u l-interess tal-attur u l-kapacita' tieghu li jaghmel il-kawza ghandhom ikunu jezistu filwaqt li huwa jistitwixxi l-proceduiment; imma l-Qrati taghna bl-iskop li jevitaw molteplicita' ta' kawzi u spejjez inutili rrikonoxxew u applikaw id-duttrina tal-jus superveniens quod firmat actionem vel exceptionem, anke meta xi drabi d-dritt jissopravjeni jew ostakolu procedurali jitnehha, waqt li l-kawza tkun gia fil-grad ta' appell." (**George Zahra vs Carmelo Chircop**, Qorti tal-Appell Civili deciza fit-8 ta' Frar 1960).
>
> Fil-kawza riportata fil-Volum XXXIII-i- 254 intqal illi:
> 'Jus superveniens firmat actionem et exceptionem u ghalhekk jekk waqt il-kawza jkun intervjena dak id-dritt, l-azzjoni li qabel kienet difettuza tigi msehha. Il-fondament ta' dan huwa precizament l-ekonomija tal-gudizzju u tali spejjez." (Citata fis-sentenza **Carmelo Farrugia vs Michael Camenzuli et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili (Citazzjoni numru 570/2009) deciza fit-28 ta' Frar 2011).

Fil-kaz in ezami l-Qorti thoss illi ghalkemm kien hemm nuqqas fl-ewwel skrittura bejn is-socjetajiet attrici, dan in-nuqqas gie sanat permezz tat-tieni skrittura. Indubbjament l-iskrittura tas-6 ta' Marzu, 2012, bejn is-socjetajiet attrici tikkostitwixxi kuntratt ta' cessjoni uta' dritt litigjuz. Idealment din kellha ssir qabel ma nfethu 1-proceduri odjerni, u mhux wara, madankollu huwa ritenut li jissussistu l-elementi mehtiega biex fil-kaz in ezami wkoll tigi applikata d-duttrina ta' ius superveniens.

Ghalhekk filwaqt li fil-fehma tal-Qorti jirrizulta b'mod inkonfutabbli l-interess guridiku da parti tas-socjeta ta' Alfaran fil-proceduri odjerni quddiem il-Qorti, meta arrogat fuqha d- drittijiet u l-pretensjonijiet li kellha C & M, li l-ezitu intiz taghhom huwa li hija

tirkupra l-flus li nhargu fuq il-konvenju li skada. Dan konsegwentement iwassal ghall-konkluzjoni li ghandhom jigu michuda dawn iz-zewg eccezzjonijiet tal-konvenuta, il-fatt li l-iskrittura ta' cessjoni tal-kreditu u tad-dritt ta' azzjoni, giet prezentata wara li giet intavolata l-kawza odjerna, ghandu jigi kkunsidrat fil-kap tal-ispejjez.

Ikun opportun li f'dan il-waqt tigi ezaminata l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta konvenuta fis-sens li s-socjeta C & M ma ghandhiex interess guridiku li ghandu jissusisti tul il-kawza. Huwa assodat fil-gurisprudenza taghna li l-interess guridiku ghandu jissussisti f'kull stadju tal-kawza. Fil-fatt jinghad li "L-interess irid ikun jezisti mhux biss fil-bidu fal-kawza izda jrid jipperdura matul is-smigh kollu taghha" (**Laferla vs Lauri**, App 02/05/2002; ara wkoll **Crossey v. Blackman**, App 11/02/1966, Vol.L.1.45; **Sammut vs Attard**, App 17/02/1993 u **Britannia Catering Company Limited vs Direttur tad-Dipartiment tal-Artijiet et**, Kost 12/04/2011).

Gialadarba jirrizulta ppruvat li l-attrici C & M cediet kemm id-dritt ta' kreditu taghha, kif ukoll id-dritt litigjuz taghha kontra s-socjeta konvenuta, permezz l-iskrittura tas-6 ta' Marzu, 2012, cioe ftit wara li fethet il-kawza, hija zvestiet ruhha minn kull interess guridiku li effettivament kellha fil-mument li saret il-kawza. Kif gustament rilevat mis-socjeta konvenuta, huwa mehtieg li l-interess guridiku irid jibqa' jissussisti tul il-kawza, biex hija tkun tista' tkompli din il-kawza. Ghalhekk jirrizulta li din l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuta ghandha tintlaqa' peress li tabilhaqq is-socjeta attrici C & M svestiet ruhha mill-interess guridiku li tagixxi b'din il-kawza ladarba sar il-kuntratt tac-cessjoni tas-6 ta' Marzu, 2012.

Ghalhekk din l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta konvenuta sejra tintlaqa'.

**Relazzjoni guridika**

Fit-tielet eccezzjoni taghha, is-socjeta konvenuta tressaq ukoll bhala difiza illi hija ma ghandha ebda relazzjoni guridika ma' Alfaran. Is-socjeta konvenuta gustament fin-nota taghha tirrileva, li l-konvenju kien bejnha u C & M bhala komparenti firmatarji u taghmel referenza ghall-insenjament tal-Qrati taghna in materja ta' relazzjoni

guridika. Din il-Qorti taqbel maghha sa fejn jinghad li Alfaran ma kinitx parti fuq il-konvenju u zzid ukoll li l-presenza tar-rapprezentanti taghha waqt in-negozju fuq l-istess konvenju mhux bizzejjed biex jirradika r-relazzjoni guridika mehtiega. Lanqas il-fatt li Alfaran avvanzat xi flus ghan-negozju, fih innifsu, mhux bizzejjed ghal dan il-ghan.

Madankollu jigi nnutat ukoll li l-partijiet fuq il-konvenju ftehmu li jkun hemm il-fakolta ta' sostituzzjoni ta' xerrej prospettiv, dan ifisser li s-socjeta konvenuta tat il-kunsens taghha minn qabel, biex eventwalment setghet issir cessjoni bejn C & M u kull min seta' kien interessat jidhol ghal dan in-negozju. Issa f'dan il-kaz jirrizulta, li kuntrarjament ghal dak li jinghad mis-socjeta konvenuta, Alfaran effettivament dahlet fiz-zarbun ta' C & M, hekk kif saret l-iskrittura ta' cessjoni vera u proprja li biha akkwistat kemm id-dritt ghal kreditu li seta' kien hemm, kif ukoll id-dritt litigjuz.

Huwa risaput illi min jeccepixxi li mhux il-legittimu kuntradittur stante nuqqas ta' relazzjoni guridika jehtieg li juri, bi provi adegwati, illi huwa ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi ghat-talba proposta bl-istanza. Sabiex jigi stabbilit jekk persuna hijiex jew le l-legittimu kontradittur ta' parti f'kawza, jehtieg li fl-ewwel lok jigi stabbilit fuq bazi ta' prima facie jekk il-persuna li giet imharrka kinitx materjalment involuta f'dak li minnu qeghdin jilmentaw s-socjetajiet attrici, cioe jekk bl-agir taghha nholoqx relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini kif gew proposti mis-socjetajiet attrici (**Grace Sacco vs. Supretendent Mediku fl-Isptar Generali ta' Ghawdex et**, PA 16/10/2007).

Issa f'dan il-kaz m'hemmx dubju li t-talbiet kif awanzati huma ghal rifuzjoni ta' hlas ta' depozitu fuq konvenju li skada, liema konvenju definitivament johloq primarjament relazzjoni guridika ma' C & M, bhala firmatarja fuq il-konvenju u fit-tieni istanza ma' Alfaran, hekk kif din tal-ahhar dahlet fiz-zarbun ta' C & M a bazi tal-kuntratt ta' cessjoni. Fl-eventwalita li l-Qorti ssib illi hemm bazi valida li ghandu jsir hekk, hija s-socjeta konvenuta bhala l-venditrici prospettiva fuq il-weghda ta' bejgh li ghandha twiegeb ghat-talbiet attrici.

Kif gie osservat fis-sentenza moghtija fl-10 ta' Jannar 2007, mill-Qorti taI-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Korporazzjoni Ghas-Servizzi tal-lima et vs Emanuel Grixti**, jinghad Ii:

> b'relazzjoni guridika wiehed necesarjament jifhem I-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu' ta' liema I-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand I-iehor, id-debitur Ii dan jissodisfa I-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din Ii tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha.

Ln oltre kif ritenut fis-sentenza tat-23 ta' Ottubru 2009, mill-Qorti taI-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd.**:

> ... huwa ben risaput iIIi, u apparti mill-operat tal-ligi, il-kostituzzjoni in gudizzju ta' parti mharrka tinzel minn qaghda ta' rapport guridiku precedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuz jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodici Civili. Dan necessarjament ifisser illi I-ezzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni maI-oggett jew it-titolu tal-kawza. Fil-konkret, kif anke rilevat milI-Qorti taI-Appell kolleggjali fid-decizjoni in re: "Frankie Refalo nomine -vs- Jason Azzopardi et", 5 ta' Ottubru, 2001, biex iI-Qorti tistabilixxi jekk parti in kawza kintx jew Ie legittimu kontradittur tal-parti I-ohra "kellha bilfors tivverifika prima facie, jekk iI-persuna citata fil-gudizzju kinitx materjalment parti fin-negozju Ii, skond I-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet I-azzjoni fit-termini propost.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, iI-Qorti tqis Ii mill-provi u I-avvenimenti Ii sehhew, jikkonfermaw Ii nibtet u zvolgiet relazzjoni guridika bejn Alfaran u Elsarag, Ii a bazi taghha, Elsarag hija certament il-Iegittima kontradittrici ghat-talbiet imressqa fir-rikors promotur. Ghaldaqstant lanqas tista' tintlaqa' I-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta Ii tigi lliberata mill-osserrvanza tal-gudizju.

**Mertu**

Lanqas ma jirrizulta Ii ghandha tintlaqa' r-raba' eccezzjoni tas-socjeta konvenuta, Ii I-intimata ma rceviet ebda flus minghand C & M, in kwantu din I-asserzjoni tinsab kontradetta mill-istess provi mressqa. Fi kwalunkwe kaz, kull dizgwid bejn id-dirigenti tal-konvenuta u allegazzjoni ta' hlas mizmum indebitament mir-rapprezentant precedenti taghha, ma ghandhom ikollhom ebda effett fil-konfront tal-pretensjonijiet attrici, jekk dawn jirrizultaw misthoqqa.

**Dritt ta' rifuzjoni tad-depozitu wara li l-konvenju skada**

Trattati l-eccezzjonijiet preliminari jista' jigi kkunsidrat il-mertu proprju tal-kawza. Jirrizultaw provi konfliggenti mressqa mill-partijiet fis-sens li filwaqt li l-atturi jishqu li kienu l-konvenuti li sfrattaw il-konvenju meta nqala' dizgwid bejn id-dirigenti tas-socjeta konvenuta, meta riedu jaghmlu l-pjanti tal-post permezz tal-periti tal-atturi u xi whud mid-dirigenti tal-konvenuta ma hassewhomx komdi peress li kienu qeghdin jiggestixxu dar tal-anzjani u ghalhekk kellhom il-biza' li dan l-ezercizzju jtellef mid-dhul tan-negozju taghhom tul il-perjodu tal-konvenju, ir-rapprezentanti tal-konvenuti jghidu li n-negozju sfratta peress li l-attrici C & M kellha problema finanzjarja li kienet ir-raguni ghala ma setghetx tasal ghall-kuntratt finali.

Filwaqt li l-atturi jishqu li kellhom ragunijiet validi l-ghala ma setghax isir il-kuntratt, fosthom l-oggezzjoni da parti tal-konvenuta li jsiru l-pjanti sabiex issir l-applikazzjoni ghall-permess ta' zvilupp, in-nuqqas ta' facilita ta' self da parti tal-Bank u li l-istess konvenuta baqghet topera d-dar tal-anzjani, li wassal ghan-nuqqas da parti tal-istess konvenuta li twettaq l-obbligu taghha li tghaddi l-proprjeta bil-pussess vakanti, min-naha taghha ir-rapprezentant tal-konvenuta Ibrahim jikkontendi li ghalkemm l-attrici nghatat diversi estensjonijiet, huwa kien car li ma kienx fil-hsieb li jikkoncedi aktar estensjonijet u ghalhekk wara li nghatat l-ahhar cans u baqghet inadempjenti, fil-fehma tieghu, l-attrici C & M tilfet kull jedd ghad-depozitu.

Madankollu mhux kontestat bejn il-partijiet li ghalkemm saru xi estensjonijiet tat-terminu tal-konvenju, l-istess konvenju skada peress li hadd mill-komparenti fuq il-konvenju ma interpella lill-parti l-ohra sabiex taddivjeni ghall-kuntratt. Huwa pacifiku bejn il-partijiet li hadd minnhom ma baghat xi ittra ufficjali qabel ghalaq il-konvenju, sabiex isir il-kuntratt ta' bejgh. Huwa ritenut li kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-1 ta' Frar, 2008, fl-ismijiet **Gloria Pont vs J.L.J. Construction Company Limited**:

> jekk il-konvenju jiskadi, jigi bla effett, u dak li jkun ma jistax aktar jinvoka l-konvenju biex izomm ghalih il-hlas kondizzjonat li sar fuq il-konvenju. Konvenju ma jibqax fis-sehh biss ghax tintbaghat l-ittra ufficjali prevista fl-Artikolu 1357 tal-Kodici Civili. Kif osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Del Negro v. Grech, deciza fl-10 ta' Jannar 1994,

L-Artikolu 1357 tal-Kap. 16 jippreskrivi li l-effett ta' weghda ta' bejgh jispicca meta jaghlaq iz-zmien miftiehem bejn il-partijiet ghal hekk ... kemm-il darba l-accettant ma jsejjahx lil dak li wieghed, b'att gudizzjarju pprezentat qabel ma jghaddi z-zmien applikabbli kif intqal qabel, sabiex jaghmel il-bejgh, u kemm-il darba, fil-kaz li dak li wieghed jonqos li jaghmel hekk, it-talba b'citazzjoni sabiex titwettaq il-weghda ma tigix ipprezentata fi zmien tletin jum minn meta jaghlaq l-imsemmi zmien.

Biex konvenju jinzamm fis-sehh hemm zewg proceduri li jridu jittiehdu, u jekk ma jittiehdux it-tnejn, il-konvenju jiskadi anke bhala titolu ta' obbligazzjoni. <u>Meta konvenju jiskadi l-partijiet iridu jirrevertu ghall-istat antecedenti ghall-istess konvenju u altura min ikun se jbiegh jirritorna kull depositu li jkun ircieva.</u> Fil-kawza fl-ismijiet Alexandra Jenkins vs Emanuel Bianco et, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fit-30 ta'Mejju, 2001, intqal illi:

Fis-sentenza Brownrigg vs Camilleri (Appell Civili 22 ta' Frar, 1990) gie deciz illi jekk parti f'konvenju ma taghmilx il-proceduri indikati fl-Artikolu 1357 tal-Kap. 16 il-konvenju jispicca u ma tis tax tinsisti fuq l-ezekuzzjoni tieghu kif lanqas ma tista' taghmel talba ghall-konsegwenti danni f'kaz li kuntratt ma jkunx jista' isir. Skond is-sentenza fl-ismijiet L. Abela vs. T. Spiteri (Appell 30 ta' Ottubru, 1989) jekk il-formalitajiet rikjesti f'dan l-artiklu ma jigux osservati, il-konvenju jitlef l-effikacja tieghu u dakinhar li jiskadi l-partijiet jergghu lura ghall-posizzjoni li kienu qabel sar il-konvenju. F'kaz fejn konvenju jiskadi minghajr hadd mill-kontendenti ma jimplimenta dak il-konvenju fit-terminu tal-validita tieghu u lanqas ma jiehu mizuri gudizzjarji li trid il-ligi biex jinfurzaw id-drittijiet u obbligi reciproki stipulati fil-konvenju jfisser li l-partijiet jirritornaw ghall-istatus quo ante. Ghalhekk il-kompratur jista' jitlob lura minghand il-venditur id-depositu li jkun hallas fuq il-konvenju (ara wkoll A. Ciantar vs A. Vella LXII - pt ii-pagna 828 u J. Cassar vs V. Farrugia: XXVII - pt ii-pagna 316).

Biex dak li jkun jiehu lura jew izomm dak li hu intitolat ghalih taht il-konvenju, irid, fl-ewwel lok, izomm fis-sehh l-istess konvenju, ghax altrimenti, kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, kawza Cauchi v. Vassallo, deciza fil-11 ta' Dicembru 2003, "Fejn konvenju jiskadi minghajr hadd mill-kontendenti ma jimplimenta dan il-konvenju fit-terminu tal-validita tieghu, u lanqas ma jiehu mizuri gudizzjarji li trid il-ligi biex jinfurzaw id-drittijiet u obbligi reciproki stipulati fil-konvenju, ifisser li l-partijiet jirritornaw ghall-istatus quo ante. Ghalhekk il-kompratur jista' jitlob lura minghand il-venditur id-depozitu li jkun hallas fuq il-konvenju.

<u>Tant hi importanti din il-procedura, li l-htiega taghha giet rikonoxxuta anke f'kaz li d-depozitu moghti fuq il-konvenju jkollu n-natura ta' kapparra.</u> Dan it-punt kien diskuss funditus minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza Spiteri v. Xuereb, deciza fit-23 ta' Gunju 1994, u l-Qorti kienet enfasizzat li ebda parti ma tista' tirreklama xi beneficcju taht konvenju, jekk qabel xejn ma tkunx zammet fis-sehh l-istess konvenju tramite l-procedura kontemplata fil-ligi. (Sottolinjar mizjud minn din il-Qorti).

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dawn il-principji u meta tapplikahom ghall-kaz odjern, tirritjeni li ladarba hadd mill-partijiet ma ha azzjoni sabiex izomm il-konvenju fis-sehh, huwa xieraq li l-partijiet jergghu jitpoggew fl-istess sitwazzjoni li kienu qabel l-istess konvenju.

Ghalhekk wara li ghamlet il-precitati konsiderazzjonijiet, din il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet tas-socjeta attrici Alfaran Trailers Maintenance and Logistics Services Limited, bhala cessjonarja tad-drittijiet ta' kreditu, kif ukoll tad-drittijiet ta' azzjoni ta' C & M Contractors Limited, jirrizultaw misthoqqa. It-talba ghall-hlas ta' €308,176 sejrin jintlaqghu fis-shih, peress li mix-xhieda ta' Ibrahim Hassan Mousef Eisarag azzjonist tas-socjeta konvenuta, li fiz-zmien in kwistjoni kellu wkoll ir-rapprezentanza legali tal-konvenuta, jirrizulta accettat li din is-somma kollha thallset lill-konvenuta a bazi tal-konvenju tat-3 ta' Marzu, 2007.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta konvenuta u tilliberaha fil-konfront tal-pretensjonijiet tas-socjeta attrici C & M Contractors Limited, tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta;
Tilqa' t-talbiet tas-socjeta attrici Alfaran Trailers Maintenance and Logistics Services Limited, billi tiddikjara li l-effett tal-konvenju tat-3 ta' Marzu, 2007, illum skada u tilef kull effett legali;
Tiddikjara li konsegwentement is-socjeta konvenuta Attard Elasrag Co Limited, illum Villa Robinich Company Limited hija obbligata tirrifondi s-somma ta' tliet mija u tmint elef u mija u sitta u sebghin ewro (€308,176) imhallsa lill-istess konvenuta bhala depozitu fuq l-istess konvenju;
Tikkundanna lis-socjeta konvenuta Attard Elasrag Co Limited, illum Villa Robinich Company Limited thallas lil Alfaran Trailers Maintenance and Logistics Services Limited, is-somma ta' tliet mija u tmint elef u mija u sitta u sebghin ewro (€308,176), bl-imghax dekorribbli bit-rata ta' 8% mit-2 ta' Marzu, 2012, id-data tal-prezentata tac-citazzjoni;

BI-ispejjez jinqasmu in kwantu ghal terz (1/3) mis-socjeta attrici Alfaran Trailers Maintenance and Logistics Services Limited u in kwantu ghal zewg terzi (2/3) mis-socjeta konvenuta.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur